Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 366 / 2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Taliana Elton)**

**vs**

**NIGEL CALLEJA**

Illum 6 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Nigel Calleja detentur tal-karta tal-karta ta' l-identita' bin-numru 207299 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Flimkien ma' tlett persuni ohra nhar it-28 ta' Lulju 2018 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija (17.30hrs) minn gol-fond Gnejnet il-Ward, Triq il-Kan. Karm Pirotta, Birkirkara:

1) Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq aggravat bil-' valur' li jeccedi l-elfejn, tlett mija w disgha u ghorin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (€2,329.37), bil-' vjolenza' , bil-' persuna' , bil-' mezz' , u bil-' lok' , liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u dan ghad-dannu tal-familja Ciantar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Settembru, 2018, fejn il-Qorti wara li l-Artikoli tal-Ligi u cioe` l-Artikoli 41 (1) (a), 261, 262, 263, 267, 268, 269, 276, 277 (b), 279, 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill-imputat NIGEL CALLEJA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u iddeciedit li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perjodu ta' tliet (3) snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ordnat li, ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħoġobha **tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn, fuq ammissjoni tiegħu stess sabet lill-appellat ħati ta' l-imputazzjoni fil-konfront tiegħu; u tħassarha u tirrevokaha** fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u xierqa li tirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali:

Illi fl-24 ta' Settembru 2018, ai termini tal-artikolu 392 A tal-Kodiċi Kriminali, l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b' mod ċar u manifest in kwantu għall-piena erogata fil-konfront ta' l-appellat.

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent jagħmilha ċara illi l-aggravju mhuwix fir-rigward tal-fatt li l-piena erogata m' hijix fil-parametri tal-liġi; iżda l-esponent ħassu aggravat stante illi, għalkemm l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati erogat piena li hija fil-parametri tal-liġi, l-esponent huwa ta' l-umli fehma illi minn evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, liema ċirkostanzi ser jiġu elenkati aktar ' il quddiem f' dan ir-rikors, l-istess Qorti erogat piena li **mhijiex waħda idoneja u xierqa**.

Illi hekk kif ġie rilevat aktar ' il fuq, f' dak iż-żmien li seħħ ir-reat li għalih ammetta l-appellat, dan ta' l-aħħar kien impjegat mal-vittma Jason Paul Ciantar ġewwa ħanut tal-vetturi *second hand*. Bħala impjegat tiegħu, Jason Paul Ciantar kien jafda lill-appellat. Tant hu hekk illi kien anke jafdalu ċ-ċwievet tal-ħanut u tad-dar tiegħu. Dak iż-żmien, Jason Paul Ciantar kien għadu kif biegħ vettura lil klijent għall-ammont konsiderevoli u dan ta' l-aħħar għaddielu l-pagament għal din il-vettura permezz ta' flus kontanti. Jason Paul Ciantar ħa dawn il-flus id-dar tiegħu ħalli eventwalment imur jiddepożithom il-bank. Stante li l-appellat kien jaħdem mal-vittma Jason Paul Ciantar, huwa sar jaf b' din it-transazzjoni u ddeċieda li jinforma lil Melchior Portelli u dan sabiex dawn jidħlu fid-dar ta' Jason Paul Ciantar u jisirqulu dawn il-flus. L-appellat informa wkoll lil Melchior Portelli li huwa kien jaf fejn Jason Paul Ciantar kien iqiegħed dawn il-flus ġewwa d-dar tiegħu u allura ma kienx ser ikun diffiċli sabiex isibuhom. Konsegwentament, wara li l-appellat u Melchior Portelli faslu l-pjan ta' kif ser iwettqu s-serqa, Melchior Portelli nforma lil Rosmar Bugeja u lil Tristan Tedesco dwar dan il-pjan u staqsihom jekk iridux jieħdu parti f' din is-serqa u dawn irrispondew fl-affermattiv.

Illi sabiex ikunu jistgħu jwettqu dan il-pjan, l-appellat, Portelli, Bugeja u Tedesco kellhom bżonn aċċess għad-dar ta' Jason Paul Ciantar. Għaldaqstant, l-appellat iddeċieda li jieħu ċ-ċwievet ta' Jason Paul Ciantar biex jaqta' ċavetta tad-dar ta' Ciantar għalih, mingħajr l-awtorizzazzjoni u l-konsapevolezza ta' l-istess Ciantar.

Illi in vista taċ-ċirkostanzi hawn fuq esposti, l-esponent jirrileva illi l-piena li ġiet inflitta fuq l-appellat ma kinitx waħda idoneja u xierqa speċjalment meta wieħed jikkunsidra s-serjetà tar-reat illi l-appellat instab ħati li wettaq u meta wieħed jikkonsidra wkoll illi l-appellat deliberatament kiser il-fiduċja li l-vittma Jason Paul Ciantar kellu fih.

Illi parti mill-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati meta hija ġiet biex teroga il-piena fil-konfront tal-appellat huma li dan ta' l-aħħar kien ta' età żgħira u li l-fedina penali kienet kważi netta. Iżda għalkemm dak li rritjeniet il-Qorti tal-Maġistrati huwa minnu, l-esponent jirrileva li l-Qorti ma setgħetx ma tieħux fil-kunsiderazzjoni tagħha l-intenzjoni kriminali ta' l-appellat. Din l-intenzjoni kienet ċara u premeditata, tant li l-appellat ħa l-miżuri kollha neċessarji sabiex iwettaq il-pjan tiegħu, inkluż li jaqta' ċ-ċavetta tad-dar privata ta' Ciantar, minn wara dahru u dan speċifikament sabiex iwettaq is-serqa mir-residenza tiegħu.

Illi barra minn hekk, l-esponent jirrileva illi in segwitu tal-investigazzjoni tal-Pulizija dwar dan l-attentat ta' serq, Melchior Portelli, Rosmar Bugeja u Tristan Tedesco tressqu individwalment wkoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati. Portelli, Bugeja u Tedesco kollha ammettew għall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom mill-Prosekuzzjoni, u l-Qorti tal-Maġistrati, diversament preseduta, ikkundannat lil Melchior Portelli għall-sentejn priġunerija sospiżi għall-erba' snin ai termini ta' l-artikolu 28 A tal-Kodiċi Kriminali[1] u lil Rosmar Bugeja għal sentejn priġunerija sospiżi għall-erba' snin ai termini ta' l-artikolu 28 A tal-Kodiċi Kriminali u għal multa ta' €118.[2] Fil-mument li l-esponent kien qiegħed jikteb dan ir-rikors, is-sentenza fil-konfront ta' Tedesco ma kinitx għadha ngħatat. Illi għalkemm, hekk kif din l-Onorabbli Qorti rritjeniet diversi drabi, li kull paragun bejn każ u ieħor huwa odjuż, l-esponent jissottometti illi minkejja l-appellat, Portelli, Bugeja u Tedesco tressqu individwalment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex iwieġbu għall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom mill-Prosekuzzjoni, l-esponent jirrileva li l-każi ta' dawn l-erba' ko-akkużati kollha jirrigwardjaw l-istess fatti preċiżi. Għaldaqstant, f' dan il-każ, l-esponent ma jistax ħlief jagħmel paragun bejn il-piena erogata fil-konfront ta' Melchior Portelli u ta' Rosmar Bugeja u dik erogata fil-konfront ta' l-appellat. F' dan ir-rigward, l-esponent jissottometti li l-appellat, Portelli, Bugeja u Tedesco qatt ma setgħu jattentaw li jisirqu mir-residenza ta' Jason Paul Ciantar, li kieku l-appellat ma qatgħax ċavetta ta' l-imsemmija residenza u li kieku ma tax l-informazzjoni mhux biss dwar it-transazzjoni li saret bejn Ciantar u l-klijent tiegħu

[1] Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D., datata it-3 ta' Settembru 2018.
[2] Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, preseduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D., datata t-13 t' Awwissu 2018.

imma wkoll dwar il-post ta' fejn normalment l-istess Ciantar kien iqiegħed il-flus sakemm jiddepożitahom il-bank. Fl-umli fehma ta' l-esponent il-piena inflitta fuq l-appellat ma tirriflettix l-involviment li huwa kellu fl-eżekuzzjoni tat-twettiq tad-delitt in kwistjoni; speċjalment meta wieħed jikkonsidra l-piena ferm aktar odjuża erogata fil-konfront ta' Rosmar Bugeja u Melchior Portelli għall-involviment tagħhom f' din is-serqa, liema serqa ma setgħetx tiġi attentata li ssir li kieku ma kienx għas-sehem indispensabbli u instrumentali tal-appellat.

Illi di più, hekk kif din l-Onorabbli Qorti rritjeniet diversi drabi, wieħed mill-iskopijiet ewlenin ta' piena hu li, fil-każ ta' reati gravi, tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. B' kull dovut rispett, il-messaġġ li ntbagħat lis-soċjetà in ġenerali hu wieħed perpless għall-aħħar. Dan qiegħed jiġi sottomess għaliex fil-waqt li l-appellat, li kien li *master mind* wara s-serqa li ġiet attentata li ssir (li fil-każ ta' l-appellat, l-attentat ta' serq li kien akkużat bih kien ikkwalifikat b' *inter alia*, bil-persuna), ingħata *conditional discharge*, Bugeja u Portelli, li l-involviment tagħhom kien anqas minn dak ta' l-appellat, ingħataw sentenza sospiża għal-perjodu massimu permess mil-liġi (fil-każ ta' Bugeja u Portelli, l-attentat ta' serq li ġew akkużati bih ma kienx ikkwalifikat bil-persuna u dan stante li ma kienux impjegati mal-parti leża). Għaldaqstant, ċertament li l-piena erogata fil-konfront ta' l-appellat ma kinitx waħda li tirrifletti n-natura gravi tar-reat li nstab ħati tiegħu u l-involviment indispensabbli u nstrumentali li l-appellat kellu f' dan ir-reat. Fl-umli fehma ta' l-esponent, il-piena hija kompletament nieqsa mill-element neċessarju ta' proporzjonalità.

Illi barra minn dan il-messaġġ perplessanti li ngħata lis-soċjetà, ftit li xejn jista' wieħed jgħid li saret ġustizzja mal-vittma ta' dan il-każ (ċioé ma' Jason Paul Ciantar), speċjalment meta wieħed jikkunsidra li l-vittma huwa propju l-persuna li, wara li mpjega l-appellat biex jaħdem fil-kumpannija tiegħu u wara li afda l-affarijiet tiegħu miegħu, l-appellat, b' mod lampanti u sfaċċat, kiser il-fiduċja li l-vittma kellu fih.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

L-appellat Nigel Calleja kien tressaq il-Qorti nhar it-22 ta' Awwissu 2018 u akkuzat inter alia bir-reat ta' attentat ta' serq aggravat bil-persuna, bil-mezz u bil-lok liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta' tieghu u dan ghad-dannu tal-familja Ciantar. Illi fit-tieni seduta li giet appuntata ghas-smiegh tal-provi l-appellat irregistra ammissjoni quddiem l-Qorti u dan fid-9 ta' Settembru 2018 (fol. 16), ammissjoni li ppersista fiha anke wara li dik il-Qorti tatu zmien xieraq biex jikkunsidra tali ammissjoni. Illi dak in-nhar stess l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghti sentenza u wara li ddikjaratu hati tal-akkuza kif addebitat fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stress iddecidiet li tilliberah bil-kundizzzjoni li ma jaghemilx reat iehor matul il-perijodu ta tlett (3) snin mill-ilum ai termini ta' l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u dan ghaliex fil-fehma tieghu il-piena moghtija mhiex wahda idoneja u xierqa fic-cirkostanzi.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[3] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*[4]

[3] Deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)
[4] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: The Republic v. Ahmed Ben Taher, 6 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta, 4 ta' Dicembru 2003; Il-Pulizija v. Emmanuele Magro, 2 ta' Gunju 2004

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[5] **, Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[6] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[7]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[8], fejn il-Qorti qalet li:

"Il-*Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.*"

L-Avukat Generali fid-difiza tieghu ghalfejn ipprezenta l-appell tieghu isostni li l-unika motivazzjoni li għandhu sabiex iressaq dan l-aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun għall-inqas dik moghtija lil persuni ohra li kienu ko awturi mal-appellat. L-Avukat Generali jemmen li l-piena inflitta ma hiex idoneja a bazi tas-segwenti:-

1. Ma tirrflettix is-serjeta' tar-reat mghoti mill-prosekuzzjoni.
2. L-appellat kiser u abbuza mill-fiducja tal-imghallem tieghu u cioe' ta' Jason Paul Ciantar li kien hadmu mieghu.
3. Il-piena mghotija fil-konfront tal-ko-partecipi u cioe' fil-konfront ta' Melchior Portelli, Rosmar Bugeja u Tristan Tedesco minkejja li ma kienux l-awtur ta' dan ir-reat inghataw piena aktar severa.

Id-difiza tal-appellat min naha taghha stqarret li s-sentenza ghandha tibqa' kif inhi u tigi konfermata u li din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fid-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti molto piú meta tqis li l-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi.

---

[5] Deciza mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[6] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[8] Deciza mill- Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

Ikkunsidrat.

Il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u appuntu ir- ragunijiet li waslu lil dik il-Qorti biex taghti is-sentenza li effettivament tat. Rat il-motivazzjoni taghha fejn stqarret li hija hadet in onsdierazjoni is-segwenti:-

1. L-istqarrija tal-appellat fejn iddeskriva fid-dettal u ammetta mill-ewwel l-involviment tieghu tal-eventi li waslu biex jigi mixli quddiem din il-Qorti bl-akkuzi odjerniu din il-Qorti izzid li bl-ghajnuna tieghu gie solvut il-kaz anke fi-konfront ta′ terzi persuni.
2. Il-fatt li ghalkemm l-appellat kien impjegat tal-persuna offiza u ghalhekk seta kien strumentali biex tigi imfassla l-esekuzzjoni tad-delitt jirrizulta b′mod daqstant car mill-istqarija tieghu li x′aktarx kien iggwidat minn influwenza hazina ta′ kumpanija delinkwenta li jidher li qed jaghamilha maghha.
3. L-eta zghira tal-appellat u li illum ghandu biss dsatax-il sena.
4. Il-fatt li l-fedina penali tieghu hija netta ghaliex ghandha biss reat wiehed registrat fuqha, meta instab hati (meta kellu sittax-il sena) ta′ reati kontra l-Ordinanza tat-traffiku u inghata canfira.

Illi ghahekk fid-dawl tas-suespost u cioe′ li l-ewwel Qorti immotivat is-sentenza taghha u spjegat ir-ragunijiet ′l ghala waslet ghal gudizzju taghha b′hekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk qed tiċħad l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur